MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2008

Numru. 550/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Simon Elmer ta' 23 sena, iben George u Filippa nee Attard, imwieled Pieta' nhar is-17/05/1977 u residenti Block Hesri, Entrance H, Flat 4, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 251477 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Simon Elmer li gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Gunju, 2000 ghall-habta tal-4.00 ta' filghodu f'Burmarrad, volontarjament hassar,

ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fic-cint tal-bitha tal-MTC fi Triq Burmarrad, Burmarrad, kif ukoll fil-vettura ta’ l-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni JAM-728, liema hsara komplessivament teccedi l-Lm 500 u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser i4-]l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Fl-ahhar nett akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta‘ ta‘ haddiehor.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedoti u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ix-xhieda kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi PS 934 Buttigieg xehd illi l-akkuzat ghax kellu l-karozza CAD-629 Ford Escort li giet ittowjata u spiccat gol-compound tal-MTC mar ghax gharfu jhallas il-multa tat-towing.

George Lee Mifsud sid il-vettura Peugeot GAM-729 xehed illi fl-4 ta‘ Gunju kien ghaddej fl-4.00 a.m. minn Triq Burmarrad. Jghid illi waqt li kien ghaddej minn hemm jara van hiereg minn go ohat, jghid li dan il-van “...baqa‘ hiereg b’hajt b’kollox u l-gebel li tajjar, il-knatan jigifieri tkaxkru mat-triq u ... b’konsegwenza ta‘ dan ... bqajt

tielgha fuqhom u garrabt hsara fil-karozza tieghu (fol 21). Ta dan ipprezenta stima immarkata bhala Dok SY (folio 10) ghal valur ta‘ Lm 333.54 ekwivalenti f’Euro ghal 776.94.

Rat ir-relazzjoni ta‘ Joseph Zammit a fol 27-40 tal-process li kkonkluda li l-ispiza biex tirranga l-hsara fil-vettura
George Lee Mifsud xehed ukoll illi hu kien gie rimborsat mill-Agenzija Fogg Insurance is-somma tad-danni sofferti fil-vettura tieghu ghajr ghas-somma ta‘ mitt lira Maltin (ekwivalenti f’Euro ghal 233.33) li huw ahallas lill-istess insurance bhala excess.

Emanuel Muscat xehed illi parti mill-propjeta‘ tieghu fl-inhawi ta‘ Burmarrad giet imsellfa lil MTC Towing Services. Ikkonferma l-hsara li saritlu gol-hajt ta‘ l-istess fond ghas-somma ta‘ Lm 563.50 ekwivalenti f’euro ghal
Vide Dok C folio 9 li gie kkonfermat mill-istess xhud. Qal ukoll li sad-data tax-xhieda tieghu 12.2.01 hu ma kienx gie mhallas tad-danni sofferti.

Joseph Caruana, direttur tal-MTC, kumpanija uzata fil-clamping u Towing tal-vetturi, allura dawn il-vetturi jispicca fil-yard ta‘ Burmarrad. Jghid dan Caruana li hu ra l-hajt ta’l-imsemmi fond imwaqqgha u van Escort abjad fuq il-gebel ta’l-istess hajt iwaqqgha, liema gebel u van allura kienu fit-triq. Jiddeskrivi dan ix-xhud li r-roti ta‘ dan il-van kienu barra mil-hajt ta‘ l-ghalqa stess. Xehed li hadd ma hallsu tal-hsarat li garrab l-istess hajt.

Rat li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni f’seduta aktar tard Simon Elemer, debitament assistit, ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (fol 69).

Rat ukoll il-verbal a folio 85 fejn giet ikkonfermata l-ammissjoni ta’l-akkuzat senjalament gie verbalizzat ukollilli l-akkuzat ma kienx qed jikkontesta d-danni msemmija.

Rat ukoll illi a fol 101 Dok A giet esebita nota b’dikjarazzjoni rilaxxata minn Emmanuel Formosa dwar

flejjes li rceva minghand Simon Elmer ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant in vista ta‘ dak premess,issib lil Simon Elmer hati ta‘ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li hadet in konsiderazzjoni anke ta‘ l-ammissjoni tieghu, dan wara li rat l-artikoli 325, 338, 339, 17 tal-Kapitlu 9 dwar il-peina rat il-fedina penali tieghu, rat l-ammissjoni tieghu kif ikkonfermata, rat id-dokument tal-hlas tikkundannah ghal sittax-il xahar habs sospizi ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------